# IL-WIRT ARKEOLOĠIKU FL-INĦAWI TAL-GUDJA

Biex jiġi mfakkar Jum il-Gudja, il-Kunsill Lokali, fost attiviatjiet oħra, organizza taħdita pubblika dwar il-Wirt Arekeoloġiku fl-inħawi tal-Gudja.

Din it-taħdita saret mill-Professur Anthony Bonanno B.A. (Hons.) D. Litt., Ph. D. fl-uffiċċju tal-Kunsill fit-12 ta' Lulju.

Il-Professur Bonanno beda t-taħdita tiegħu billi spjega fil-qosor id-definizzjoni ta' x'inhi arkeoloġija. Huwa spjega li l-Arkeoloġija hija t-tiftix u l-istudju ta' fdalijiet materjali tal-passat. Matul din it-taħdita l-kelliemi poġġa quddiem l-udjenza preżenti l-passat tal-Gudja u l-inħawi.



Il-Professur Bonnano waqt it-taħdita

## Preistorja

### It-Tempju ta' Dawret il-Gudja



Dak li jiġi riferut bħala Menħir mhu Menħir xejn. Skond il-Professur Bonanno hemmhekk qed jidhru linja ta' ġebel kbir. Mill-inqas hemm tliet blokki enormi li f'dan il-każ mhuwiex menħir, għax menħir huwa ġeneralment ġebla wieqfa iżolata u mhux imdawra b'ġebel ieħor.

Il-Professur Bonanno qal li dawk it-tliet ġebliet li baqa' f'Dawret il-Gudja aktarx li kienu parti minn tempju li ma baqax jeżisti. Però biex wieħed jaċċerta ruħu dwar jekk hux veru tempju jew le, irid isir it-tħaffir arkeoloġiku.

## Żminijiet Puniċi u Rumani

### Torrijiet Rumani



Fl-inħawi ta' bejn il-Gudja u Ħal Safi hemm ukoll żewġ monumenti arkeoloġiċi ta' importanza kbira li nsibuhom bħala t-Torrijiet Rumani. Dawn kienu żminijiet meta Malta kellha importanza strateġika, fi żminijiet meta kien hemm gwerer bejn żewġ poteri. Il-poter tal-Feniċi u l-poter tal-Griegi u wara bejn dak tar-Rumani u tal-Kartaġiniżi. Kien għalhekk li f'dawn iż-żminijiet inħasset il-ħtieġa ta' torrijiet bħal dawn.

Meta Malta saret parti mill-Imperu Ruman u magħha saret anke Sqallija u l-gżejjer kollha tal-Mediterran, u fl-aħħar il-Mediterran kollu, Malta tilfet l-importanza strateġika u ma kienx hemm bżonn aktar dawn it-torrijiet difensuri.

## Żmien l-Ewwel Insara



Fit-taħdita tiegħu, il-Professur Bonanno daħħalna wkoll fiż-żminijiet Rumani tardi jew żmien l-ewwel insara. Fil-Gudja nsibu wkoll fdalijiet ta' dawk iż-żminijiet, il-Katakombi ta' Ħal Resqun.

Dawn il-katakombi huma ta' importanza enormi u huma magħrufa saħansitra minn nies esperti barranin. Sfortunatament dawn il-katakombi ma humiex viżibli.

F'dawn il-katakombi wieħed isib dik il-mejda magħrufa bħala l-*Mensae* li kienet tintuża biex issir ikla f'ġieħ il-mejtin. Din id-drawwa m'għadiex teżisti fostna iżda għadha teżisti fi drawwiet ta' popli oħra. Fl-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu f'Malta kienu għadhom jipprattikaw din l-użanza.

L-iktar ħaġa importanti f'dawn il-katakombi huma l-inċiżjonijiet bl-iskultura mnaqqxa fihom. Fi stil pjuttost primittiv, ix-xena turi l-ħolqien tal-bniedem u ta' l-annimali.

Il-Professur Bonanno semma li fil-Gudja kienu nstabu diversi oqbra oħra. Huwa rrefera għar-rekords li jinsabu fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija li jagħmlu referenza għal sitt sejbiet oħra fil-Gudja.

## Bjar Rumani

Fil-Gudja wkoll kienu nstabu żewġt ibjar Rumani. Ir-Rumani fi żmienhom kienu jieħdu ħsieb jippreservaw l-ilma li jinżel mill-bjut fi bjar taħt l-art. Dawn il-bjar kienu jkunu pjuttost kbar.

Is-soqfa tagħhom kienu jkunu mibnija minn blokki kbar tal-ġebel li kienu jżommu jew fuq pilastru fin-nofs bħal ma hemm f'Ta' Kaċċatura f'Birżebbuġa jew inkella fuq arkati. It-tnejn li nstabu fil-Gudja kienu xi

ftit iżgħar minn ta' Birżebbuġa però llum ma nafux x'sar minnhom.

## Il-Medjuevu



Fil-Gudja hawn ukoll il-knisja li kienet il-parroċċa antika tal-Gudja. Il-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ. L-arkeoloġija f'dan il-post m'hemmx għalfejn tfittixha għax qiegħda fil-wiċċ.

Jekk wieħed imur idur dawra mal-Knisja jsib li fuq in-naħa ta' wara, il-knisja kienet ħafna ikbar. Din kienet testendi mill-inqas xi ħnejja jew tnejn oħra u hemm traċċi ta' bieb li huwa maqtugħ min-nofs mix-xewka tan-naħa ta' wara tal-knisja. Fil-fatt jekk wieħed iħares lejn l-art isib li għad hemm sisien ta' knisja akbar.

Il-knisja kienet mhux biss testendi lura iżda anke fil-ġnub. Għad hemm sisien ta' kappelli li wieħed jista' jarahom.

## Patrimonju Arekoloġiku Potenzjali

Dwar il-knisja ta' Loretu l-Professur Bonanno stqarr li s'issa għadna ma nafux x'tostor din il-knisja iżda jaħseb li madwarha u taħtha hemm ħafna patrimonju arkeoloġiku.

Il-patrimonju arkeoloġiku potenzjali li qiegħed hemm iżda ma nafux bih. Dan il-patrimonju huwa ħafna aktar sinjur minn dak li fil-fatt nafu bih. Skond il-Professur Bonanno dan għadu mistur taħt l-art u jrid jgħâddi ż-żmien biex niskopruh.

"Twissija żgħira," temm jgħid il-Professur Bonanno, "fejn hu, qiegħed aktar protett milli jekk nikxfuh u ma nieħdux ħsiebu."





**Parti mill-Udjenza li attendiet għat-taħdita**

**"Jekk neqirdu l-patrimonju arkeoloġiku, wliedna jisħtuna"** *Profs A.. Bonanno*

# *FIL-QOSOR*

## XOGĦOL L-ARKEOLOGU

L-arkeologu huwa dak li jfittex u jistudja l-wirt arkeoloġiku. Ġieli xi fdalijiet jeżistu 'l fuq mill-art. Il-maġġoranza tal-fdalijiet megalitiċi ta' l-istorja tagħna, it-tempji tal-qedem tal-ħaġar bħal Ħaġar Qim, il-Ġgantija, qatt ma kienu mgħottija bil-ħamrija. Kellhom xi jarda jew tnejn ta' ħamrija li tneħħiet is-seklu l-ieħor, iżda qatt ma kienu mirduma. B'hekk l-arkeologu sabhom lesti għall-attenzjoni tiegħu.

Però arkeologu jfittex ukoll taħt l-art biex jiskopri. Huwa ma jaqbadx u jfittex kif ġieb u laħaq. Ħafna drabi jrid jagħmel studju qabel ma jiddeċiedi fejn se jmur iħaffer. L-istudju jista' jkunu minn kotba, jew tradizzjonijiet kif ukoll minn x'jingħad mill-poplu ta' x'jeżisti fl-inħawi.

## TEKNIKA TA' ŻMIEN IL-GWERRA UŻATA GĦAL TIFTIX ARKEOLOĠIKU

Għandna wkoll strument li ġie żviluppat mit-teknika tal-gwerra. Ir-*reconnaisance* mill-ajru, li permezz ta' ritratti mill-ajru, jista' jkollna ħjiel ta' x'jeżisti taħt l-art. Ħafna drabi l-fdalijiet taħt l-art jagħmlu differenza fl-intensità tal-ħaxix li jikber fuqhom.

Per eżempju fejn ikun hemm fond, fejn ma jkunx hemm fdalijiet mirduma, il-ħaxix jitla' aktar folt u aktar aħdar għax ikollu l-ilma. Jekk ikun hemm ħajt qrib il-wiċċ, aktarx il-ħaxix ma jkollux wisq ilma allura l-ħaxix ikun inqas aħdar.

Ħafna drabi ritratt mill-ajru, disinji fl-intensità (jew in-nuqqas) tal-ħaxix ma tkunx tidher mill-art iżda id-differenza tidher sew mill-ajru.

## IL-PERISKOPJU

Hemm strument ieħor, bħall-periskopju, li nassoċjawh aktar mas-sottomarin, bid-differenza li fejn dik tas-sottomarin jitla' fil-wiċċ, f'dan il-każ dan jintuża bil-maqlub, issir ħofra, jitniżżel il-periskopju minnha u wieħed ikun jista' jittawwal f'xi għar jew inkella kif qed jiġi użat bħalissa biex jiġu studjati barra minn Malta, l-oqbra Etruski.

Dawn l-opra Etruski kienu jkunu mibnija taħt l-art u jkunu anke impittra. Permezz ta' dan il-periskopju speċjali inkunu nistgħu naraw dawn it-tpinġiet mingħajr ma wieħed joqgħod iħaffer.